

għall-moniteragg [ta]-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto (ĠU L 49, p. 1.), moqri flimkien mal-Artikoli 8, 9, 10 u 11 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 166/2005/KE, tal-10 ta' Frar 2005, li tistabilixxi r-regoli ta' implementazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 55, p. 57) — Informazzjoni dwar miri nazzjonali li jirrigwardaw l-emissjonijiet ta' gass serra u miżuri adottati sabiex jillimitaw u/jew inaqqsu tali emissjonijiet

Dispożittiv

1) Billi ma pprovidiex l-informazzjoni rikjesta għall-15 ta' Marzu 2007, skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-moniteragg [ta]-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto, moqri flimkien mal-Artikoli 8 sa 11 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2005/166/KE tal-10 ta' Frar 2005 li tistabilixxi r-regoli ta' implementazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-imsemmija dispożizzjonijiet.

2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 285, 8.11.2008

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Mejju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża

(Kawża C-443/08) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 1999/13/KE — Limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku — Nuqqas ta' traspożizzjoni tal-kunċetti ta' "stallazzjoni żgħira" u ta' "tibdil sostanzjali")

(2009/C 153/33)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Alcover San Pedro u J.-B. Laignelot, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u A. Adam, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta l-liġijiet u r-regolamenti kollha neċessarji għat-traspożizzjoni b'mod korrett tal-Artikolu 2(3), l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE, tal-11 ta' Marzu 1999, dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiku f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet (ĠU L 85, p. 1) — Kunċetti ta' "stallazzjoni żgħira" u ta' "tibdil sostanzjali"

Dispożittiv

1) Billi m'adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex tittrasponi b'mod korrett l-Artikoli 2(3) u 2(4) kif ukoll l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE, tal-11 ta' Marzu 1999, dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiku f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twestaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 6, 10.1.2009.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-19 ta' Mejju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

(Kawża C-532/08) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/60/KE — Ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2009/C 153/34)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: P. Dejmek u A.A. Gilly, aġenti]

Konvenuta: L-Irlanda [rappreżentant: D. O'Hagan, aġent]

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, p.15).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruha mad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-Irlanda naqset milli twestaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) L-Irlanda hija kkundannata għall-ispejjeż

(¹) ĠU C 32, 7.2.2009.